KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 11.9.2007
KUMM(2007) 508 finali

2007/0185 (COD)
2007/0186 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tintroduċi reġim semplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, mir-Repubblika Ċeka, minn Ċipru, mill-Ungerija, mil-Latvja, minn Malta, mill-Polonja, mir-Rumanija, mis-Slovenja u mis-Slovakkja ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom.

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

Fl-14 ta' Ġunju 2006, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw żewġ Deċiżjonijiet li jistabbilixxu reġim simplifikat għall-kontroll fuq il-fruntieri esterni ta' l-Unjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suġġetti għal obbligu ta' viża skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 539/2001[1]:

- Id-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE[2] li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mir-Repubblika Ċeka, mill-Estonja, minn Ċipru, mil-Latvja, mil-Litwanja, mill-Ungerija, minn Malta, mill-Polonja, mis-Slovenja u mis-Slovakkja ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom, u

- Id-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE[3] li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom.

Din kienet l-ewwel darba li r-regoli bażiċi komuni dwar ir-rikonoxximent unilaterali tal-viżi u tal-permessi ta' residenza kienu introdotti fl-*acquis* Komunitarju dwar il-viżi.

Id-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE tqis il-ħtiġiet speċifiċi fil-qasam tal-politika dwar il-viżi ta' l-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-2004, b'mod partikolari l-obbligi ta' viża tagħhom matul il-perjodu tranżitorju sakemm jiġu integrati b'mod sħiħ fiż-żona ta' Schengen. Fil-fatt, id-deċiżjoni tirrimedja l-piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti li jġorru l-uffiċċji konsolari ta' dawn il-pajjiżi li kellhom joħorġu viżi nazzjonali ta' tranżitu għal persuni li ma jirrappreżentaw l-ebda riskju għall-Istati Membri.

Mingħajr ma toħloq l-ebda obbligu ġdid minbarra dawk elenkati fl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, id-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE tintroduċi reġim fakultattiv ibbażat fuq regoli komuni li jippermettu li dawn l-Istati Membri jissemplifikaw il-kontrolli fuq il-fruntieri esterni tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom ċerti dokumenti maħruġa mill-Istati Membri li qed jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen kif ukoll dokumenti simili maħruġa minn Stati Membri oħra li għadhom mhumiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen. Ir-regoli komuni huma applikabbli sa tmiem il-perjodu tranżitorju, jiġifieri l-parteċipazzjoni sħiħa ta' dawn l-Istati Membri fiż-żona mingħajr fruntieri interni, data minn meta r-rikonoxximent reċiproku ta' dokumenti bħal dawn isir obbligatorju.

Dan ir-reġim ta' rikonoxximent unilaterali huwa limitat għall-fini ta' tranżitu, u jista' jdum mhux aktar minn ħamest ijiem. Tqies li limitu bħal dan kien meħtieġ sabiex ikun evitat kwalunkwe riskju ta' konfużjoni jew ta' implimentazzjoni żbaljata tar-regoli kurrenti ta' Schengen dwar il-viża li jiddefinixxu l-Istat responsabbli għall-ipproċessar ta' applikazzjoni

---

1 ĠU L 81, 21.3.2001, p.1, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1932/2006 (ĠU L 405, 30.12.2006, p.23)

2 ĠU L 167, 20.6.2006, p.1.

3 ĠU L 167, 20.6.2006, p.8.

għal viża (dan ikun jew l-Istat li fit-territorju tiegħu tinsab id-destinazzjoni ewlenija taż-żjara jew l-Istat ta' l-ewwel dħul).

Ġie segwit l-istess metodu għad-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE, li tqis id-diffikultajiet amministrattivi li jiffaċċjaw l-Istati Membri meta jkollhom joħorġu viżi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu legalment fl-Iżvizzera u fil-Liechtenstein. Meta titqies il-mobilità staġjonali importanti (matul il-perjodu tal-btala tas-Sajf), l-uffiċċji konsolari ta' ċerti Stati Membri fl-Iżvizzera u fil-Liechtenstein li, kienu partikolarment ikkonċernati minn dawn il-movimenti minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom, iffaċċjaw piż amministrattiv kbir minħabba l-ħtieġa li joħorġu l-viżi meħtieġa fi żmien xieraq matul l-imsemmija perjodi.

Id-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE tintroduċi regoli komuni għar-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein bħala ekwivalenti għall-viżi ta' tranżitu tagħhom. Ir-regoli l-ġodda huma obbligatorji għall-Istati Membri li qed jipparteċipaw b'mod sħiħ fiż-żona komuni mingħajr fruntieri interni u fakultattivi għall-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni fl-2004. Tqies li din id-distinzjoni kienet meħtieġa sabiex ikun evitat li jiġu imposti obbligi addizzjonali fuq l-Istati Membri l-ġodda matul il-perjodu tranżitorju sakemm jiġu integrati b'mod sħiħ fiż-żona ta' Schengen.

Kif inhu provdut fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE u fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE[4], ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jimplimentaw ir-reġim komuni għaż-żewġ Deċiżjonijiet. B'mod partikolari, rigward id-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE, dawn il-pajjiżi għażlu wkoll ir-rikonoxximent unilaterali tad-dokumenti kollha elenkati fl-Anness maħruġa mill-Istati Membri l-oħra li għadhom mhumiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* kollu ta' Schengen.

Il-Kummissjoni ppubblikat l-informazzjoni notifikata fil-Ġurnal Uffiċjali[5]. Id-data tat-tluq għall-implimentazzjoni tar-regoli komuni tvarja minn Stat Membru għall-ieħor. Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fit-test tad-Deċiżjonijiet, uħud mill-Istati Membri għażlu implimentazzjoni immedjata tar-regoli komuni (is-Slovenja u Ċipru) filwaqt li oħrajn iddeċidew, minħabba raġunijiet amministrattivi, li jibdew l-implimentazzjoni aktar tard. Mill-1 ta' Diċembru 2006, ir-regoli komuni qed jiġu applikati mir-Repubblika Ċeka, minn Ċipru, mill-Ungerija, mil-Latvja, minn Malta, mill-Polonja, mis-Slovenja u mis-Slovakkja.

Sabiex tkun żgurata implimentazzjoni effettiva tar-regoli komuni, l-Istati Membri għamlu domandi (fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill rilevanti) dwar kwistjonijiet speċifiċi relatati mad-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE u talbu li s-servizzi tal-Kummissjoni jipprovdu pariri u interpretazzjoni rigward l-ambitu ta' ċerti dispożizzjonijiet.

Meta rrispondew għal dawn id-domandi, is-servizzi tal-Kummissjoni fakkru l-fini ta' l-introduzzjoni tar-regoli komuni, fejn enfasizzaw il-limitu ta' l-ambitu tagħhom għall-fini ta' tranżitu. Dan ir-reġim komuni huwa applikabbli matul il-perjodu tranżitorju sakemm l-Istati Membri kkonċernati jiġu integrati b'mod sħiħ fiż-żona ta' Schengen (l-ewwel Deċiżjoni) u sakemm l-Iżvizzera u l-Liechtenstein jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen (it-tieni Deċiżjoni).

---

4 L-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-2004 kellhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sa l-1 ta' Awissu 2006 bid-deċiżjoni tagħhom sabiex japplikaw ir-regoli komuni.

5 ĠU C 251, 17.10.2006, p.20.

Is-servizzi tal-Kummissjoni enfasizzaw li l-fini ta' l-introduzzjoni tar-regoli komuni kien sabiex ikun simplifikat it-tranżitu ta' ċerti kategoriji ta' persuni u sabiex ikunu eliminat kwalunkwe piż amministrattiv mhux ġustifikat fuq l-uffiċċji konsolari b'relazzjoni għall-applikanti tal-viżi li ma jippreżentaw l-ebda riskju għall-Istati Membri.

L-introduzzjoni ta' dawn ir-regoli l-ġodda m'għandha l-ebda effett fuq l-implimentazzjoni min-naħa ta' l-Istati Membri tad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' l-"*acquis*" Komunitarju dwar il-viżi u l-fruntieri esterni li jibqgħu applikabbli. B'mod partikolari, dawn ir-regoli komuni ma jaffetwawx id-dispożizzjonijiet fl-"*acquis*" relatati ma' viżi b'validità territorjali limitata, viżi għat-tranżitu fl-ajruporti jew kontrolli fuq persuni fuq il-fruntieri esterni.

Rigward dan l-aħħar punt, il-Kummissjoni tenfasizza li l-kontrolli fuq persuni fuq il-fruntieri esterni għandhom jitwettqu skond l-Artikoli 5 sa 13 u 18 sa 19 tar-Regolament (KE) Nru 562/2006[6]. Il-gwardjani tal-fruntieri jridu jipproċedu bil-kontrolli fuq il-fruntieri esterni billi jqisu s-simplifikazzjoni introdotta mir-regoli komuni u jevitaw kwalunkwe użu ħażin tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE. Għalhekk, dawn il-kontrolli għandhom ikunu bbilanċjati u proporzjonati għall-għanijiet segwiti. F'kull każ individwali, il-gwardjani tal-fruntieri għandhom jivvalutaw jekk iċ-ċittadini tal-pajjiż terz jistgħux ikunu benefiċjari tar-regoli simplifikati u jekk jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul u jirrispettawx il-limitu ta' żmien ipprovdut għat-tranżitu fid-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE. Skond il-valutazzjoni mwettqa mill-gwardjan tal-fruntieri, f'każ li persuna tikser it-tul ta' żmien awtorizzat tat-tranżitu, din il-persuna tista' ma titħalliex tidħol. Jistgħu jiġu imposti wkoll miżuri amministrattivi oħra aktar xierqa għall-każ speċifiku (eż. multi).

Fuq il-bażi ta' l-esperjenza ta' suċċess b'dawn iż-żewġ deċiżjonijiet, l-UE għandha testendi r-reġim semplifikat għall-Bulgarija u għar-Rumanija, li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007, u għad mhumiex koperti mir-regoli komuni kurrenti. Tabilħaqq, ir-raġunijiet sottostanti ż-żewġ Deċiżjonijiet li jissemmew aktar 'il fuq huma ugwalment validi għall-Bulgarija u għar-Rumanija.

Għal dawn iż-żewġ Stati Membri, bħalma ġara għat-tkabbir preċedenti ta' l-2004, fi kwistjonijiet relatati ma' l-*acquis* dwar il-viżi (l-Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005)) ġie segwit dak li jissejjaħ il-"proċess ta' implimentazzjoni f'żewġ stadji ta' Schengen". Dan jimplika li l-Bulgarija u r-Rumanija jkollhom japplikaw, mid-data ta' l-adeżjoni (1.1.2007), id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) 539/2001 u b'hekk, jissuġġettaw liċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tagħha għal obbligu ta' viża, filwaqt li jkomplu joħorġu l-viżi nazzjonali tagħhom sa data li għandha tiġi deċiża mill-Kunsill meta tiġi awtorizzata l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fiż-żona ta' Schengen. Peress li r-regoli ta' Schengen ta' rikonoxximent reċiproku għal finijiet ta' tranżitu u ta' soġġorn qasir ma japplikawx għall-Bulgarija u għar-Rumanija mid-data ta' l-adeżjoni tagħhom, mill-1 ta' Jannar 2007 dawn l-Istati Membri għandhom l-obbligu li joħorġu viżi nazzjonali għad-dħul fi u għat-tranżitu mit-territorju tagħhom, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi suġġetti għal obbligu ta' viża skond ir-Regolament (KE) 539/2001, anki jekk il-persuni kkonċernati jkollhom viża jew permess ta' residenza ta' Schengen, jew viża nazzjonali għal terminu twil maħruġa minn Stat ta'

6 Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 105, 13.4.2006, p.1

Schengen. L-istess japplika għal dokumenti simili maħruġa minn Stati Membri oħra li ssieħbu fl-Unjoni fl-2004, u li għadhom mhumiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen.

Barra minn hekk, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, li mill-1 ta' Diċembru 2006 implimentaw ir-reġim komuni tad-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE u li għadhom mhumiex integrati b'mod sħiħ fiż-żona ta' Schengen, ma kellhomx il-possibbiltà li jirrikonoxxu b'mod unilaterali l-permessi ta' residenza u l-viżi maħruġa mill-Bulgarija u mir-Rumanija għall-fini ta' tranżitu mit-territorju tagħhom.

Ir-regoli eżistenti ma jippermettux li l-Bulgarija u r-Rumanija jirrikonoxxu l-permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein.

2. ŻEWĠ PROPOSTI

Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi li jipprovdu risposta pożittiva għall-piż amministrattiv iffaċċjat mill-konsolati Bulgari u Rumeni u sabiex ikunu indirizzati l-ħtiġiet speċifiċi ta' Stati Membri oħra wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni tqis li jeħtieġ li jiġu riveduti r-regoli komuni stabbiliti permezz tad-Deċiżjonijiet Nru 895/2006/KE u 896/2006/KE.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qieset:

- il-ħtiġiet speċifiċi tal-Bulgarija u tar-Rumanija fil-qasam tal-politika dwar il-viżi, il-problemi l-ġodda għall-Istati Membri wara l-aħħar tkabbir u matul il-perjodu sa l-integrazzjoni sħiħa fiż-żona ta' Schengen ta' l-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-2004 u fl-2007, u,

- il-kontrolli stretti u l-eżamijiet bir-reqqa fuq iċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi kkonċernati li l-Istat Membru li ħareġ viża għal soġġorn qasir jew permess ta' residenza jkun għamel, kif ukoll il-livell baxx ta' riskju li din il-kategorija ta' persuni tirrappreżenta għall-Istati Membri l-oħra.

Konsegwentement, hawnhekk qed jiġu proposti żewġ strumenti:

2.1. Deċiżjoni tal-PE u tal-Kunsill li tintroduċi reġim semplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, mir-Repubblika Ċeka, minn Ċipru, mill-Ungerija, mil-Latvja, minn Malta, mill-Polonja, mir-Rumanija, mis-Slovenja u mis-Slovakkja ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom.

Id-Deċiżjoni proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 62(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u hija indirizzata lill-Bulgarija u lir-Rumanija kif ukoll lill-Istati Membri li ddeċidew li jimplimentaw id-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE.

Fin-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni fit-test tad-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE li tippermetti l-estensjoni, wara l-aħħar tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea, tar-reġim semplifikat għall-kontrolli fuq il-fruntieri esterni ta' ċerti kategoriji ta' persuni li jkollhom ċerti tipi ta' dokmenti, tqies li

r-reviżjoni tar-regoli komuni kienet meħtieġa sabiex ikun hemm risposta għall-ħtiġiet speċifiċi maħluqa bl-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-1 ta' Jannar 2007.

L-estensjoni tar-regim ta' rikonoxximent unilaterali permezz ta' strument Komunitarju ma timponi l-ebda obbligu ġdid għall-Istati Membri minbarra dawk elenkati fl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 u fl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005. B'hekk ma tikkostitwix deroga minn dawn iż-żewġ Trattati ta' Adeżjoni.

Ir-reġim propost se jiġi implimentat fuq bażi fakultattiva: l-Istati Membri kkonċernati għandhom il-possibbiltà jew li jimplimentaw l-istrument il-ġdid jew ikomplu joħorġu viżi nazzjonali kif inhu meħtieġ mit-Trattati ta' Adeżjoni.

Il-proposta l-ġdida għandha tagħti l-possibbiltà lill-Bulgarija u lir-Rumanija, li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-2007, li jirrikonoxxu b'mod unilaterali viżi u permessi ta' residenza maħruġa mill-Istati ta' Schengen, kif ukoll dokumenti simili maħruġa minn dawn iż-żewġ pajjiżi u mill-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni fl-2004 li għadhom mhumiex integrati b'mod sħiħ fiż-żona ta' Schengen bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom.

Barra minn hekk, l-Istati Membri li ddeċidew li jimplimentaw id-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE u li għadhom mhumiex integrati b'mod sħiħ fiż-żona mingħajr fruntieri interni għandhom jitħallew jirrikonoxxu b'mod unilterali viżi u permessi ta' residenza maħruġa mill-Bulgarija u mir-Rumanija. L-Istati Membri li ma ddeċidewx li jimplimentaw din id-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE m'għandhomx jitħallew jimplimentaw din id-deċiżjoni peress li jemmnu li l-permessi ta' residenza u l-viżi maħruġa mill-Istati Membri li jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen biss jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għall-viża nazzjonali tagħhom għall-fini ta' tranżitu.

Ir-reġim semplifikat huwa bbażat fuq il-konsiderazzjoni li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jibbenefikaw mis-sistema diġà għaddew minn proċess strett ta' eżamijiet bir-reqqa min-naħa ta' Stat Membru u ma jitqisux bħala theddida għall-politika pubblika jew riskju f'termini ta' immigrazzjoni illegali.

Dan ir-reġim se jkun applikabbli sa tmiem il-perjodu tranżitorju u l-parteċipazzjoni sħiħa ta' l-Istati Membri kkonċernati fiż-żona mingħajr fruntieri interni, data minn meta r-rikonoxximent reċiproku ta' dokumenti bħal dawn isir obbligatorju.

Bħalma ġie stabbilit fid-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE, ir-reġim ta' rikonoxximent se jkun limitat għall-fini ta' tranżitu mit-territorju ta' l-Istati Membri kkonċernati. Il-perjodu ta' tranżitu ma jistax idum aktar minn ħamest ijiem. L-għan ta' dan ir-reġim mhux li jissostitwixxi l-ħruġ tal-viżi nazzjonali mill-Istati Membri kkonċernati għal soġġorn qasir. Barra minn hekk, skond ir-regoli eżistenti, dawn l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li joħroġu viżi nazzjonali għal dħul multiplu għal soġġorn qasir li jistgħu jkunu validi għal sena waħda jew aktar snin sabiex tkun iffaċilitata l-mobilità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' detenturi tad-dokumenti ta' Schengen, li jeħtieġ li jivvjaġġaw b'mod frekwenti għat-territorju tagħhom.

Id-dokumenti magħżula għar-reġim ta' rikonoxximent huma:

- il-viża uniformi maħruġa minn Stat ta' Schengen skond ir-regoli komuni stabbiliti fl-Istruzzjonijiet Konsolari Komuni (tranżitu, terminu qasir jew ivvjaġġar, viża għal grupp);

- viżi nazzjonali għal soġġorn twil maħruġa minn Stat ta' Schengen skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu;

- il-permessi ta' residenza maħruġa minn Stat ta' Schengen u li ġew inklużi fl-Anness IV għall-Istruzzjonijiet Konsolari Komuni li jelenka d-dokumenti li jagħtu d-dritt lid-detenturi tagħhom li jidħlu fiż-żona ta' Schengen mingħajr viża;

- il-viżi nazzjonali għal termini qosra u twal kif ukoll permessi ta' residenza maħruġa minn Stat Membru li ssieħeb fl-Unjoni Ewropea fl-2004 kif inhu elenkat fl-Anness għad-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE;

- il-viżi nazzjonali għal termini qosra u twal kif ukoll il-permessi ta' residenza maħruġa mill-Bulgarija u mir-Rumanija.

Jekk jagħżlu l-implimentazzjoni tar-reġim komuni, il-Bulgarija u r-Rumanija se jkollhom jaċċettaw id-dokumenti kollha maħruġa mill-Istati Membri li jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, biex b'hekk jevitaw kwalunkwe distinzjoni rigward l-Awtorità li toħroġhom.

L-Istati Membri kkonċernati jridu jikkomunikaw id-deċiżjoni tagħhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tippubblika din l-informazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u b'dan il-mod se tiżgura li s-sistema kollha tkun trasparenti. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw id-dħul lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li isimhom huwa elenkat fil-lista nazzjonali tat-twissijiet.

Dan l-istrument se jiġi adottat permezz ta' ko-deċiżjoni.

2.2. Deċiżjoni tal-PE u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom.

Id-Deċiżjoni proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 62(2)(a) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Id-Deċiżjoni proposta tqis l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea f'Jannar 2007 u għandha l-għan li temenda d-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE sabiex il-Bulgarija u r-Rumanija jkunu jistgħu japplikaw reġim semplifkat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni tagħhom ibbażat fuq ir-reġim ta' rikonoxximent unilaterali minn dawn iż-żewġ Stati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera jew mil-Liechtenstein u li ġew elenkati fl-Anness għad-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE. Id-Deċiżjoni proposta hija bbażata fuq il-konsiderazzjoni li ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom permess ta' residenza mill-Iżvizzera jew mil-Liechtenstein, ma jkunux ta' theddida għall-politika pubblika għall-Istati Membri jew ikunu riskju f'termini ta' immigrazzjoni illegali.

Ir-rikonoxximent huwa limitat għall-fini ta' tranżitu. Jekk il-Bulgarija u r-Rumanija jiddeċiedu li jipparteċipaw fid-Deċiżjoni tal-PE u tal-Kunsill li tippermetti r-rikonoxximent unilaterali min-naħa tagħhom ta' dokumenti maħruġa mill-Istati ta' Schengen u minn Stati Membri oħra bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali għall-fini ta' tranżitu, l-implimentazzjoni

ta' dan l-istrument hija fakultattiva matul il-perjodu tranżitorju sa data li għandha tiġi deċiża mill-Kunsill għall-integrazzjoni sħiħa tagħha fiż-żona ta' Schengen.

Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom il-possibbiltà li jiddeċiedu jekk humiex se jipparteċipaw fir-reġim ta' rikonoxximent u għandhom jinnotifikaw id-deċiżjoni tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni se tiżgura l-pubblikazzjoni ta' l-informazzjoni rilevanti.

Is-sistema proposta bl-ebda mod ma taffetwa r-regoli ta' l-*acquis* ta' Schengen rigward il-proċeduri u l-verifiki meħtieġa sabiex wieħed jaqsam il-fruntieri.

Peress li s-sistema proposta hija limitata għat-tranżitu, ma taffetwax il-possibbiltà li l-Bulgarija u r-Rumanija joħorġu viżi għal dħul multiplu għal soġġorn qasir, validi għal sena waħda jew aktar snin sabiex tkun iffaċilitata l-mobilità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, detenturi tal-permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein.

Dan l-istrument se jiġi adottat permezz ta' ko-deċiżjoni.

3. IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

L-Artikolu 5 tat-Trattat KE jipprovdi li "[l]-azzjoni meħuda mill-Komunità m'għandhiex teċċedi dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan it-Trattat". L-azzjoni meħuda mill-Komunità trid tkun l-aktar forma sempliċi ta' azzjoni possibbli li tippermetti li l-proposta tilħaq l-għan tagħha u tkun implimentata bl-aktar mod effiċjenti possibbli. F'dan l-ispirtu, għar-reviżjoni tar-regoli komuni għar-reġim ta' rikonoxximent unilaterali stabbilit permezz tad-Deċiżjonijiet Nri 895/2006/KE u 896/2006/KE, l-istrumenti legali proposti li ntgħażlu huma:

- Deċiżjoni li tippermetti li l-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja jirrikonoxxu b'mod unilaterali ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom matul il-perjodu tranżitorju sa l-integrazzjoni sħiħa ta' dawn l-Istati Membri fiż-żona komuni mingħajr fruntieri interni. Il-parteċipazzjoni fir-reġim hija fakultattiva;

- Emenda għad-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom. L-għan ta' l-emenda proposta huwa li r-reġim semplifikat għal tranżitu mit-territorji tagħhom jkun estiż għall-Bulgarija u għar-Rumanija billi tiġi evitata l-ħtieġa għal viżi ta' tranżitu għal detenturi ta' permessi ta' residenza bħal dawn maħruġa minn dawn iż-żewġ pajjiżi.

Il-parteċipazzjoni fir-reġim ta' rikonoxximent hija fakulattiva għall-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni Ewropa fl-2004 u fl-2007 matul il-perjodu tranżitorju sad-data ta' l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fiż-żona komuni mingħajr fruntieri interni, data minn meta r-reġim ta' rikonoxximent reċiproku jsir obbligaotrju bejn l-Istati Membri li jipparteċipaw b'mod sħiħ fiż-żona mingħajr fruntieri interni.

L-għan segwit mill-proposti li ssemmew aktar ’il fuq, jiġifieri l-introduzzjoni fuq bażi temporanja ta’ regoli komuni dwar ir-rikonoxximent unilaterali ta’ ċerti dokumenti mill-Bulgarija, mir-Rumanija u mill-Istati Membri li diġà qed jimplimentaw id-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE kif ukoll l-estensjoni għall-Bulgarija u għar-Rumanija ta’ reġim komuni għar-rikonoxximent unilaterali ta’ ċerti permessi ta’ residenza maħruġa mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein, jista’ jintlaħaq biss permezz ta’ azzjoni fuq il-livell Komunitarju, peress li l-ebda Stat Membru m’għandu l-possibbiltà li jadotta miżuri purament nazzjonali li jiksbu l-effett mixtieq.

L-azzjoni Komunitarja għażlet miżuri li għandhom iħallu l-proposta tilħaq l-għan tagħha u tkun implimentata bl-aktar mod effiċjenti possibbli. F’dan l-ispirtu, skond iż-żewġ Deċiżjonijiet ta’ l-14 ta’ Ġunju 2006, intgħażlu żewġ strumenti legali differenti billi tqiesu l-għanijiet previsti. Għall-ewwel proposta, Deċiżjoni tal-PE u tal-Kunsill hija l-istrument legali xieraq għall-implimentazzjoni fakultattiva min-naħa ta’ l-Istati Membri kkonċernati ta’ regoli komuni dwar ir-rikonoxximent unilterali li jikkostitwixxu deroga temporanja mir-regoli eżistenti għar-rikonoxximent reċiproku. Għat-tieni proposta, intgħażlet l-emenda tad-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE b’Deċiżjoni ġdida tal-PE u tal-Kunsill sabiex jiġu estiżi r-regoli komuni u jiġi permess ir-riknoxximent unilaterali mill-Bulgarija u mir-Rumanija ta’ ċerti permessi ta’ residenza maħruġa mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein.

4. IL-KONSEGWENZI B’RELAZZJONI GĦAD-DIVERSI PROTOKOLLI ANNESSI MAT-TRATTAT

L-ewwel Deċiżjoni tal-PE u tal-Kunsill hija indirizzata esklużivament lill-Bulgarija, lir-Repubblika Ċeka, lil Ċipru, lill-Ungerija, lil-Latvja, lil Malta, lill-Polonja, lir-Rumanija, lis-Slovenja u lis-Slovakkja fejn tintroduċi reġim tranżitorju speċjali li tħallihom jirrikonoxxu b’mod unilaterali ċerti dokumenti maħruġa mill-Istati Membri bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali ta’ tranżitu tagħhom. Id-Deċiżjoni proposta hija fakultattiva u għandha tkun applikabbli mill-Istati Membri kkonċernati sa data li għandha tiġi deċiża mill-Kunsill skond it-tieni paragrafu ta’ l-Artikolu 3 tat-Trattat ta’ Adeżjoni ta’ l-2003 u skond it-tieni paragrafu ta’ l-Artikolu 4 ta’ l-Att ta’Adeżjoni ta’ l-2005.

Min-natura tiegħu stess, ir-reġim stabbilit permezz ta’ din il-proposta ma jistax jimplika s-sitwazzjoni varjabbli kif ġie stabbilit mill-protokolli dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit, ta’ l-Irlanda u tad-Danimarka.

Din id-Deċiżjoni, li hija indirizzata esklużivament lill-Istati Membri li huma marbuta mill-*acquis* ta’ Schengen mingħajr m’għadhom integrati b’mod sħiħ fiż-żona komuni mingħajr fruntieri interni, ma tikkostitwix żvilupp ta’ l-*acquis* ta’ Schengen fit-tifsira tal-Ftehim iffirmat fit-18 ta’ Mejju 1999 bejn il-Kunsill, in-Norveġja u l-Iżlanda sabiex dawn iż-żewġ pajjiżi jkunu assoċjati ma’ l-implimentazzjoni, ma’ l-applikazzjoni u ma’ l-iżvilupp ta’ l-*acquis* ta’ Schengen.[7] Madankollu, għall-koerenza u għall-funzjonament xieraq tas-sistema ta’ Schengen, din id-Deċiżjoni tkopri anki l-viżi u l-permessi ta’ residenza maħruġa min-Norveġja u mill-Iżlanda, pajjiżi assoċjati ma’ l-implimentazzjoni, ma’ l-applikazzjoni u ma’ l-iżvilupp ta’ l-*acquis* ta’ Schengen u li jimplimentaw b’mod sħiħ l-*acquis* ta’ Schengen.

7 ĠU L 176, 10.7.99, p.35.

Din id-Deċiżjoni, hija indirizzata esklużivament lill-Istati Membri li huma marbuta mill-*acquis* ta' Schengen mingħajr m'għadhom integrati b'mod sħiħ fiż-żona komuni mingħajr fruntieri interni, ma tikkostitwix żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim iffirmat mill-Unjoni Ewropea, mill-Komunità Ewropea u mill-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, ma' l-applikazzjoni u ma' l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen[8] li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja.

Id-Deċiżjoni proposta tal-PE u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE hija indirizzata lill-Bulgarija u lir-Rumanija sabiex dawn iż-żewġ Stati Membri jkunu jistgħu jirrikonoxxu b'mod unilaterali ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein bħala ekwivalenti għall-viżi ta' tranżitu tagħhom. Min-natura tiegħu stess, ir-reġim stabbilit permezz ta' din il-proposta ma jistax jimplika s-sitwazzjoni varjabbli kif ġie stabbilit mill-protokolli dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit, ta' l-Irlanda u tad-Danimarka.

Id-Deċiżjoni ma tikkostitwix żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim iffirmat fit-18 ta' Mejju 1999, bejn il-Kunsill, in-Norveġja u l-Iżlanda sabiex dawn iż-żewġ pajjiżi jkunu assoċjati ma' l-implimentazzjoni, ma' l-applikazzjoni u ma' l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, peress li l-element il-ġdid introdott minn din id-Deċiżjoni jirreferi għall-estensjoni għall-Bulgarija u għar-Rumanija tar-reġim semplifikat tad-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE mingħajr ma ġew emendati r-regoli u l-prinċipji bażiċi.

8 Id-dokument tal-Kunsill 13054/04.

2007/0185 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tintroduċi reġim semplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, mir-Repubblika Ċeka, minn Ċipru, mill-Ungerija, mil-Latvja, minn Malta, mill-Polonja, mir-Rumanija, mis-Slovenja u mis-Slovakkja ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[9],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 4(1) ta' l-Att dwar il-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005), il-Bulgarija u r-Rumanija li ssieħbu fl-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2007 huma meħtieġa minn dik id-data li jinfurzaw fuq iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, li huma elenkati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa[10], l-obbligu ta' viża.

(2) Skond l-Artikolu 4(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005, id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen dwar il-kundizzjonijiet u l-kriterji sabiex jinħarġu viżi uniformi għal terminu qasir, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-viżi u dwar l-ekwivalenza bejn il-permessi ta' residenza u l-viżi japplikaw biss fil-Bulgarija u fir-Rumanija wara l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tgħid dan. Madankollu, jorbtu lil dawk l-Istati Membri mid-data ta' l-adeżjoni.

(3) Għalhekk, il-Bulgarija u r-Rumanija huma meħtieġa li joħroġu viżi nazzjonali għad-dħul jew għat-tranżitu mit-territorju tagħhom liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li

9 ĠU C […], […], p. […].

10 ĠU L 81, 21.3.2001, p.1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1932/2006 (ĠU L 405, 30.12.2006, p.23)

għandhom viża uniformi jew viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza maħruġ minn Stat Membru li qed jimplimenta b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen jew dokument simili maħruġ mill-Istati Membri li għadhom mhumiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen.

(4) Id-detenturi tad-dokumenti maħruġa mill-Istati Membri li qed jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen u dokumenti simili maħruġa mill-Istati Membri li għadhom mhumiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, ma jirrappreżentaw l-ebda riskju għall-Bulgarija u għar-Rumanija peress li dawn ġew suġġetti għall-kontrolli meħtieġa kollha mill-Istati Membri l-oħra. Sabiex ikun evitat li jiġu imposti piżijiet amministrattivi addizzjonali mhux ġustifikati fuq il-Bulgarija u fuq ir-Rumanija, ir-regoli komuni introdotti permezz tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 895/2006/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006 li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mir-Repubblika Ċeka, mill-Estonja, minn Ċipru, mil-Latvja, mil-Litwanja, mill-Ungerija, minn Malta, mill-Polonja, mis-Slovakkja u mis-Slovenja ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom[11] għandhom jiġu estiżi għal dawn il-pajjiżi.

(5) Ir-regoli komuni l-ġodda għandhom jawtorizzaw lill-Bulgarija u lir-Rumanija biex jirrikonoxxu b'mod unilaterali ċerti dokumenti maħruġa mill-Istati Membri li qed jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, dokumenti simili maħruġa minnhom u dokumenti elenkati fl-Anness għad-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE, maħruġa mill-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-2004, bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom u sabiex ikun stabbilit reġim semplifikat għall-kontrolli tal-persuni fuq il-fruntieri esterni bbażati fuq din l-ekwivalenza unilaterali.

(6) Meta jitqies li r-Repubblika Ċeka, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li japplikaw ir-reġim semplifikat introdott permezz tad-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE, ir-regoli komuni l-ġodda għandhom ukoll jagħtu l-possibbiltà li l-Istati Membri jirrikonoxxu l-viżi u l-permessi ta' residenza maħruġa mill-Bulgarija u mir-Rumanija bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-fini ta' tranżitu mit-territorju tagħhom.

(7) Ir-reġim komuni l-ġdid għandu japplika għal perjodu tranżitorju, sa data li għandha tkun iddeterminata f'Deċiżjoni tal-Kunsill kif jissemma fl-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 u l-Artikolu 4(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005.

(8) Ir-rikonoxximent ta' dokument għandu jkun limitat għall-fini ta' tranżitu mit-territorju tal-Bulgarija, tar-Repubblika Ċeka, ta' Ċipru, ta' l-Ungerija, tal-Latvja, ta' Malta, tal-Polonja, tar-Rumanija, tas-Slovenja u tas-Slovakkja. Il-parteċipazzjoni fis-sistema komuni għandha tkun fakultattiva, mingħajr ma jkunu imposti obbligi addizzjonali fuq l-Istati Membri kif ġie definit mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 u mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005.

---

11 ĠU L 167, 20.6.2006, p.1.

(9) Ir-regoli komuni għandhom japplikaw għal viżi uniformi għal terminu qasir, viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza maħruġa mill-Istati Membri li qed jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, dokumenti simili maħruġa mill-Istati Membri li għadhom mhumiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen kif ukoll viżi għal terminu qasir, viżi għal terminu twil u permessi ta' residenza maħruġa mill-Bulgarija u mir-Rumanija.

(10) Il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)[12] iridu jiġu sodisfatti, bl-eċċezzjoni tal-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1)(b) tiegħu, sakemm din id-Deċiżjoni testendi r-regoli komuni provduti fid-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE, tistabbilixxi reġim ta' rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija u mir-Rumanija ta' ċerti dokumenti maħruġa mill-Istati Membri li qed jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, ta' dokumenti simili maħruġa mill-Istati Membri li għadhom mhumiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen kif ukoll ta' viżi għal terminu qasir, viżi għal terminu twil u permessi ta' residenza maħruġa mill-Bulgarija u mir-Rumanija għall-fini ta' tranżitu u, barra dan, tagħti l-possibbiltà li r-Repubblika Ċeka, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja japplikaw ir-reġim semplifikat introdott permezz tad-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE, sabiex ikunu rikonoxxuti dokumenti simili maħruġa mill-Bulgarija u mir-Rumanija.

(11) Peress li l-għan ta' din id-Deċiżjoni, prinċipalment l-introduzzjoni ta' reġim ta' rikonoxximent unilaterali li għandu jiġi applikat mill-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni fl-2004 u fl-2007 ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni, jista' jintlaħaq aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif inhu stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif inhu stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lilhinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(12) Din id-Deċiżjoni ma tikkostitwix żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u mir-Repubblika ta' l-Iżlanda u mir-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, ma' l-applikazzjoni u ma' l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, peress li hija indirizzata biss lill-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-2004 u fl-2007 li għadhom mhumiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen. Madankollu, għall-koerenza u għall-funzjonament xieraq tas-sistema ta' Schengen, din id-Deċiżjoni tkopri anki l-viżi u l-permessi ta' residenza maħruġa mill-pajjiżi terzi assoċjati ma' l-implimentazzjoni, ma' l-applikazzjoni u ma' l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen u li qed jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, bħall-Iżlanda u n-Norveġja.

(13) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Uniti u ta' l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, dawk l-Istati Membri mhumiex jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

---

12 ĠU L 105, 13.4.2006, p.1.

(14) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabblixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni tintroduċi reġim semplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni fejn:

- il-Bulgarija u r-Rumanija jistgħu jirrikonoxxu b'mod unilaterali bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-fini ta' tranżitu, id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 2 u 3, kif ukoll dawk imsemmija fl-Artikolu 4 maħruġa minn dawn iż-żewġ pajjiżi liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi suġġetti għal obbligu ta' viża skond ir-Regolament (KE) 539/2001.

- ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja li notifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li japplikaw ir-reġim semplifikat introdott permezz tad-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE, jistgħu jirrikonoxxu b'mod unilaterali bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-fini ta' tranżitu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4, maħruġa mill-Bulgarija u mir-Rumanija liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi suġġetti għal obbligu ta' viża skond ir-Regolament (KE) Nru. 539/2001.

Artikolu 2

1. Il-Bulgarija u r-Rumanija jistgħu jqisu d-dokumenti li ġejjin maħruġa mill-Istati Membri li qed jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen bħala ekwivalenti għall-viża nazzjonali tagħhom għall-fini ta' tranżitu, irrispettivament min-nazzjonalità tad-detenturi:

(i) "viża uniformi" kif tissemma fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen;

(ii) "viża għal soġġorn twil" kif tissemma fl-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen;

(iii) "permess ta' residenza" kif inhu inkluż fl-Anness IV għall-Istruzzjonijiet Konulari Komuni.

2. Jekk il-Bulgarija u r-Rumanija jiddeċiedu li japplikaw din id-Deċiżjoni, għandhom jirrikonoxxu d-dokumenti kollha li jissemmew fil-paragrafu 1, irrispettivament mill-liema Stat ikun ħareġ id-dokument.

Artikolu 3

Jekk il-Bulgarija u r-Rumanija jiddeċiedu li japplikaw l-Artikolu 2, minbarra dan, jistgħu jirrikonoxxu l-viżi nazzjonali għal terminu qasir, il-viżi nazzjonali għal terminu twil u l-

permessi ta' residenza maħruġa minn Stat Membru wieħed jew aktar li ssieħbu fl-Unjoni fl-2004 u li għadhom mhumiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, bħala ekwivalenti għall-viża nazzjonali tagħhom għall-fini ta' tranżitu.

Id-dokumenti maħruġa mill-Istati Membri li għadhom mhumiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, li jistgħu jiġu rikonoxxuti ġew elenkati fl-Anness għad-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE.

Artikolu 4

Barra minn hekk, il-Bulgarija u r-Rumanija, jistgħu anki jirrikonoxxu viżi nazzjonali għal terminu qasir, viżi nazzjonali għal terminu twil u permessi ta' residenza maħruġa minnhom bħala ekwivalenti għall-viża nazzjonali tagħhom għall-fini ta' tranżitu.

Id-dokumenti maħruġa mill-Bulgarija u mir-Rumanija li jistgħu jiġu rikonoxxuti skond din id-Deċiżjoni ġew elenkati fl-Anness.

Artikolu 5

Ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja jistgħu jirrikonoxxu wkoll id-dokumenti Bulgari u Rumeni elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għall-fini ta' tranżitu.

Artikolu 6

Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja jistgħu jirrikonoxxu dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-fini ta' tranżitu biss jekk it-tranżitu min-naħa ta' ċittadin ta' pajjiż terz mit-territorju tagħhom ma jdumx għal aktar minn ħamest ijiem.

Il-perjodu ta' validità tad-dokumenti msemmija fl-Artikoli 2, 3 u 4 għandu jkopri kemm idum it-tranżitu.

Artikolu 7

Jekk jiddeċiedu li japplikaw din id-Deċiżjoni, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fi żmien 10 ijiem ta' ħidma mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni komunikata minn dawn l-Istati Membri fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandha tapplika sa data li għandha tkun iddeterminata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill li ġiet adottata skond l-Artikolu 4(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bulgarija, lir-Repubblika Ċeka, lil Ċipru, lill-Ungerija, lil-Latvja, lil Malta, lill-Polonja, lir-Rumanija, lis-Slovenja u lis-Slovakkja.

Magħmula fi Brussell, […]

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President* *[…]*

ANNESS

Lista ta' dokumenti maħruġa mill-BULGARIJA

- Viżi

1. Виза за летищен транзит (виза вид "A") – Viża għal tranżitu f'ajruport (tip "A")

2. Визи за транзитно преминаване (виза вид "B") – Viżi ta' tranżitu (tip "B")

   – Еднократна транзитна виза – Viża għal tranżitu wieħed

   – Двукратна транзитна виза – Viża għal tranżitu doppju

   – Многократна транзитна виза – Viża għal tranżitu multiplu

3. Визи за краткосрочно пребиваване (виза вид "C") – Viżi għal soġġorn qasir (tip "C")

   – Еднократна входна виза – Viża għal dħul wieħed

   – Многократна входна виза – Viża għal dħul multiplu

4. Виза за дългосрочно пребиваване (виза вид "D") – Viża għal soġġorn twil (tip "D")

- Permessi ta' residenza

1. Карта на продължително пребиваващ в Република България чужденец – Permess ta' Residenza għal soġġorn twil

2. Карта на постоянно пребиваващ в Република България чужденец – Permess ta' Residenza Permanenti

3. Карта на бежанец – Permess ta' Residenza ta' Refuġjat

4. Удостоверение за пътуване зад граница на чужденец с хуманитарен статут – Permess ta' Residenza għal ċittadin ta' pajjiż terz mogħti status ta' protezzjoni umanitarja mir-Repubblika tal-Bulgarija

Lista ta' dokumenti maħruġa mir-RUMANIJA

- Viżi

– viză de tranzit, identificată prin simbolul B (viża ta' tranżitu, identifikata bis-simbolu B)

– viză de scurtă şedere, identificată prin simbolul C (viża għal soġġorn qasir, identifikata bis-simbolu C)

– viză de lungă şedere, identificată prin unul dintre următoarele simboluri, în funcție de activitatea pe care urmează să o desfăşoare în România străinul căruia i-a fost acordată:

(i) desfăşurarea de activități economice, identificată prin simbolul D/AE

(ii) desfăşurarea de activităţi profesionale, identificată prin simbolul D/AP

(iii) desfăşurarea de activităţi comerciale, identificată prin simbolul D/AC

(iv) angajare în munca, identificată prin simbolul D/AM

(v) studii, identificată prin simbolul D/SD

(vi) reîntregirea familiei, identificată prin simbolul D/VF

(vii) intrarea în România a străinilor căsătoriţi cu cetăţeni români, identificată prin simbolul D/CR

(viii) activităţi religioase sau umanitare, identificată prin simbolul D/RU

(ix) viză diplomatică şi viză de serviciu, identificată prin simbolul DS

(x) alte scopuri, identificată prin simbolul D/AS

(viża għal soġġorn twil, identifikata b'wieħed mis-simboli li ġejjin, skond l-attività li l-frusteri li qed jirċievi l-viża għandu jwettaq fir-Rumanija:

(i) attivitajiet ekonomiċi, identifikati bis-simbolu D/AE

(ii) attivitajiet professjonali, identifikati bis-simbolu D/AP

(iii) attivitajiet kummerċjali, identifikati bis-simbolu D/AC

(iv) impjiegi, identifikati bis-simbolu D/AM

(v) studji, identifikati bis-simbolu D/SD

(vi) ri-unifikazzjoni ta' familja, identifikata bis-simbolu D/VF

(vii) dħul fit-territorju Rumen ta' frustieri miżżewġa ma' ċittadini Rumeni, identifikati bis-simbolu D/CR

(viii) attivitajiet reliġjuži jew umanitarji, identifikati bis-simbolu D/RU

(ix) viża diplomatika u viża ta' servizz, identifikati bis-simbolu DS

(x) finijiet oħra, identifikati bis-simbolu D/AS)

- Permessi ta’ residenza

- Permis de şedere temporară (permess ta’ residenza temporanju)
- Permis de şedere permanentă (permess ta’ residenza permanenti)
- Carte de rezidenţă - pentru străinii membri de familie ai cetăţenilor români (karta ta’ residenza – għal frustieri li huma membri tal-familji taċ-ċittadini Rumeni)
- Carte de rezidenţă permanentă - pentru străinii membri de familie ai cetăţenilor români (karta ta’ residenza permanenti – għal frustieri li huma membri tal-familji taċ-ċittadini Rumeni)

2007/0186 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom.

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[13],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE tistabbilixxi regoli komuni dwar ir-rikonoxximent unilaterali min-naħa ta' l-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein li jippermettu reġim semplifikat għall-kontroll fuq il-fruntieri esterni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom dawn id-dokumenti.

(2) Minħabba l-implimentazzjoni f'żewġ stadji ta' l-*acquis* ta' Schengen, l-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 kienu meħtieġa, minn dik id-data, li joħorġu viżi nazzjonali lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, detenturi ta' permess ta' residenza maħruġ mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein, li jkunu suġġetti għal obbligu ta' viża skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001. Dan l-obbligu ħoloq piżijiet amministrattivi addizzjonali fuq il-konsoltati ta' dawn l-Istati Membri fl-Iżvizzera u fil-Liechtenstein.

(3) Ma deherx li kien hemm għalfejn li l-Istati Membri jeħtieġu li din il-kategorija ta' persuni jkollhom viża, peress li jirrappreżentaw riskju baxx ta' immigrazzjoni illegali għall-Istati Membri.

(4) Meta wieħed iqis li l-istess raġunament japplika għall-Bulgarija u għar-Rumanija, ir-reġim semplifikat introdott permezz tad-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE[14] għandu jkun estiż għall-Bulgarija u għar-Rumanija.

13 ĠU C […], […], p. […]
14 ĠU L 167, 20.6.2006

(5) Emenda bħal din għad-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE, għandha tippermetti li l-Bulgarija u r-Rumanija, jekk jiddeċiedu li japplikaw id-Deċiżjoni Nru …/2007/KE biex jirrikonoxxu b'mod unilaterali l-permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein, li ġew elenkati fl-Anness għad-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-fini ta' tranżitu.

(6) Ir-rikonoxximent għandu jkun limitat għall-fini ta' tranżitu mit-territorju tal-Bulgarija u tar-Rumanija u m'għandux jaffetwa l-possibbiltà li dawn iż-żewġ Stati Membri joħorġu viżi għal soġġorn qasir.

(7) Il-possibbiltà li l-Bulgarija u r-Rumanija ma japplikawx din id-Deċiżjoni għandha tkun limitata għall-perjodu tranżitorju sa data li għandha tkun iddeterminata mill-Kunsill, skond l-Artikolu 4(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005.

(8) Il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)[15] iridu jiġu sodisfatti, bl-eċċezzjoni tal-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1)(b) tiegħu, sakemm id-Deċiżjoni tistabbilixxi reġim ta' ekwivalenza bejn il-viżi ta' tranżitu maħruġa mill-Bulgarija u mir-Rumanija u ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein.

(9) Peress li l-għan ta' l-azzjoni li għandha tittieħed jaffetwa direttament l-"*acquis*" Komunitarju dwar il-viżi u ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri meta jaġixxu waħidhom u għalhekk, minħabba raġuni ta' skala u ta' effetti ta' l-azzjoni, jista' jintlaħaq aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif inhu stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif inhu stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lilhinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(10) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Uniti u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, dawk l-Istati Membri mhumiex jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(11) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabblixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta minnha jew hija suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sottoparagrafu li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE bħala t-tielet sottoparagrafu:

15 ĠU L 105, 13.4.2006, p.1.

"Jekk il-Bulgarija u r-Rumanija jiddeċiedu li japplikaw id-Deċiżjoni Nru …./2007/KE, jistgħu jirrikonoxxu b'mod unilaterali l-permessi ta' residenza li ġew elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni bħala ekwivalenti għall-viża nazzjonali ta' tranżitu sa data li għandha tkun iddeterminata mill-Kunsill, skond l-Artikolu 4(2) ta' l-Att dwar il-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea."

Artikolu 2

Jekk il-Bulgarija u r-Rumanija jiddeċiedu li japplikaw din id-Deċiżjoni, għandhom jinnotifikaw b'dan lill-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem ta' ħidma mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni komunikata minnhom fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bulgarija u lir-Rumanija.

Magħmula fi Brussell, […]

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President* *[…]*